MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2002

Numru 82/1999

Il-Pulizija
(Spettur Paul Vassallo)

-vs-

**Carmelo Vella** ta' 42 sena, bin Joseph u Maria nee' Haber, imwieled Victoria, Ghawdex fl-1 ta' April 1957 u residenti fil-fond "Euli", Triq Torri Gorgun, Xewkija I.D Card numru 22157(G)

**John Vella** ta' 41 sena bin Joseph u Maria nee' Haber, imwieled Victoria, Ghawdex fit-2 ta' Gunju 1958 u residenti fil-fond "Johntess", Triq Torri Gorgun, Xewkija, I.D. Card numru 29758(G)

**Saviour sive Salvu Vella** ta' 36 sena bin Joseph u Maria nee' Haber, imwieled Victoria, Ghawdex fil-15 ta' Jannar 1963 u residenti fil-fond "Arjuza", Triq Torri Gorgun, Xewkija, Ghawdex I.D Card numru 8363(G)

**Raymond Vella** ta' 35 sena bin Joseph u Maria nee' Haber, imwieled Victoria Ghawdex fit-30 ta' April 1964 u residenti fil-fond "Afrudel", Triq Torri Gorgun, Xewkija I.D. Card. Numru 19164(G)

Illum 27 ta' Frar 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli fit-3 ta' Settembru 1999 ghall-habta ta' xi 4.00pm fi Triq Torri Gorgun, Xewkija kisru l-bon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Emanuel Buttigieg, Carmelo Buttigieg u Raymond Buttigieg.

U Saviour sive Salvu Vella wahdu talli fl-isess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtoljew li jqieghed il-hajja f'periklu car, ikkaguan ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmelo Buttigieg, minn Ghajnsielem, Ghawdex, liema ferita giet ikkagunata minn armali taqta' u bil-ponta.

John u Saviour Vella talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garrew arma li taqta' u bil-ponta (mus) minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Puliizja.

John Vella wahdu talli fl-sitess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel offiza fuq il-persuna ta' maroln Buttigieg, ta' 15-il sena, mix-Xewkija, wera dan il-hiseb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjonit ad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volotna tieghu.

John Vella wahdu talli fl-sitess data, hin, lok u cirkostanzi qabad armi kontra Marlon Buttigieg, mix-Xewkija.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-provvedimenti ta' l-artikli 383 jew 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputati fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2002 ammettew volontarjament u inkondizzjonament l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Illi mill-provi ghandu jirrizulta wisq car li l-feriti kienu ta' natura hafifa u mhux gravi.

Illi l-kwrelanti rrinunzjaw ghal kull haga li hija rinunzjabbli.

Ghalhekk u in vista ta' dak fuq espost.

Il-Qorti;

Qeghdha tapplika kontra l-imputati d-disposizzjonijijiet ta' l-Art 383 tal-Kap 9 u torbothom biex ma jimmolestawx lill-kwerelanti ghal sena mil-lum taht penali ta' mitt lira (Lm100) kull wiehed.

--------------------------------TMIEM--------------------------------